# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' SENA** **STUDJI SOĊJALI** **ĦIN: Siegħa u Nofs**

Isem: ______________________________ Klassi: ______________

**TAQSIMA A**

**Imla l-vojt b'dawn il-kliem.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **liġi tal-familja** | **ekonomija** | **soċjetà** | **relazzjonijiet** | **l-imġiba soċjali** |
| **demokrazija** | **diskriminazzjoni** | **volontarju** | **kwistjoni soċjali** | **l-kultura** |

1. Bil-proċess ta' soċjalizzazzjoni l-individwu jitgħallem liema huma l-valuri, n-normi u ___________________________.
2. Permezz tal- ___________________________ l-mara u r-raġel miżżewġin għandhom jaqsmu flimkien ir-responsabbiltà tat-tmexxija tal-familja.
3. Fil-ħin liberu hu tajjeb li nippruvaw ngħinu lill-oħrajn permezz ta' xogħol ___________________________.
4. Fil-familja tiġi trasmessa l- ___________________________ tas-soċjetà; jiġifieri l-ulied jiġu mgħallma t-tradizzjonijiet, il-valuri, il-lingwa u l-mod ta' ħajja.
5. F'pajjiżi fejn hemm ___________________________ ċ-ċittadini jagħżlu l-mexxejja tagħhom permezz ta' vot sigriet.
6. Meta tinqala' xi ___________________________ f'pajjiżna, irridu nsibu soluzzjoni għaliha għall-ġid tagħna lkoll.
7. L- ___________________________ hija dik il-qasam tal-ħajja soċjali li torganizza l-ħolqien u t-tqassim tal-ġid.
8. Matul ħajjitna nibnu ___________________________ ma' persuni oħrajn għax inħossu bżonn li nikkomunikaw bejnietna.
9. ___________________________ hi dik il-miġemgħa ta' individwi li r-relazzjonijiet tagħhom huma mmexxija minn liġijiet u dmirijiet li jagħtu sens lill-ħajja.
10. ___________________________ fuq il-post tax-xogħol issir meta twarrab jew tippreferi lil xi ħadd ieħor mingħajr ebda raġuni valida.

**(10 marki)**

**TAQSIMA B**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:**

"L-organizzazzjoni ta' l-inugwaljanza soċjali tista' tissejjaħ ukoll stratifikazzjoni soċjali. L-istratifikazzjoni tfisser id-differenza bejn ċerti gruppi ta' ċittadini u oħrajn; din tista' tiġi mqabbla ma' strati, saffi bħal ma jeżistu fil-blat ta' l-art...Ser ikollok min jgħid li teżisti l-possibbiltà għal kull individwu biex dan javvanza fis-soċjetà, jakkwista aktar riżorsi, itejjeb il-pożizzjoni tiegħu, tant li anki forsi jasal biex joħroġ mis-saff soċjali li kien jinsab fih."

*(Ninvestigaw is-Soċjetà, G. Baldacchino, paġ. 41)*

1. Xi tfisser 'stratifikazzjoni soċjali'?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

2. Għaliex toħloq l-inugwaljanza fis-soċjetà?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

3. Xi kultant isir ċaqliq minn saff għall-ieħor. X'insejħulu dan iċ-ċaqliq?

_______________________________________________ (2)

4. Kif jista' bniedem joħroġ mis-saff soċjali li jinsab fih? Agħti **żewġ** eżempji.

_______________________________________________

_______________________________________________ (2, 2)

5. Semmi żewġ metodi kif jistgħu jonqsu d-differenzi bejn klassi soċjali u oħra?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (2, 2)

6. L-inugwaljanza fis-soċjetà tista' twassal għall-konflitti. Xi tfisser 'konflitt'? Agħti **żewġ** eżempji.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (2, 1, 1)

7. Agħti **żewġ** eżempji kif nistgħu innaqqsu l-konflitti bejnietna.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (1, 1)

**(20 marka)**

## TAQSIMA Ċ

**Kull azzjoni li nwettqu, kemm jekk tajba kif ukoll ħażina, tħalli l-effett tagħha fuqna u fuq l-oħrajn. X'effett għandhom dawn fuq is-soċjetà?**

1. Il-valuri: ____________________________________________
   ____________________________________________
2. It-trejd unjons: ____________________________________________
   ____________________________________________
3. L-edukazzjoni: ____________________________________________
   ____________________________________________
4. Ir-reliġjon: ____________________________________________
   ____________________________________________
5. L-alkoħol u d-drogi: ____________________________________________
   ____________________________________________

**(10 marki)**

## TAQSIMA D

**Agħti tifsira ta' dan il-kliem billi turi d-differenza bejniethom:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| a. | Familja simmetrika | u | familja nukleari |
| b. | Bidla evoluzzjonarja | u | bidla revoluzzjonarja |
| ċ. | Settur primarju | u | settur sekondarju ta' l-ekonomija |
| d. | Gvern Ċentrali | u | Kunsill Lokali |
| e. | Stat totalitarju | u | Stat demokratiku |

**(5 x 4 = 20 marka)**

## TAQSIMA E

**Ikteb paragrafu ta' madwar 80 kelma fuq wieħed minn dawn:**

1. Is-settur terzjarju ta' l-ekonomija
2. Għaqda volontarja
3. Il-proċess ta' soċjalizzazzjoni

**(10 marki)**

**TAQSIMA F**

**Fisser dawn fil-qosor:**

1. Il-familja tħoll u torbot fis-soċjetà.

________________________________________

________________________________________

2. Quddiem il-liġi kulħadd indaqs.

________________________________________

________________________________________

3. L-ewwel il-bniedem, imbagħad id-diżabilità.

________________________________________

________________________________________

4. Il-faqar huwa problema kbira fil-pajjiżi tat-tielet dinja.

________________________________________

________________________________________

5. L-għajnuna ta' bejnietna hi bżonnjuża għax ilkoll niddependu minn xulxin.

________________________________________

________________________________________

**(5 x 2 = 10 marki)**

**TAQSIMA Ġ**

**Ikteb madwar 200 kelma fuq wieħed minn dawn.**

1. Id-demokrazija tħarsilna d-drittijiet tagħna.
2. Il-festi huma espressjoni tas-soċjetà li ngħixu fiha. Kull festa tfakkarna f'dak li aħna bħala poplu nħobbu u ngħożżu u ma rridux ninsew. Fisser u agħti eżempji.
3. F'kull soċjetà hemm bżonn l-għaqda, il-ftehim u l-komunikazzjoni ta' bejnietna. Spjega dawn it-tliet kelmiet u tkellem dwar l-importanza tagħhom fis-soċjetà.

**(20 marka)**